l-mistednin prinċipali tagħna; hadu sehem għadd sabiħ ta' Membri, oħrajn kienu magħna fl-ispirtu, fosthom bla ebda dubju, is-Sinjorina Mary Mejiak.

Kif qalilna l-President fid-diskors tiegħu fl-aħħar laqgħa ġenerali li kellna, l-Għaqda issa qiegħda tgawdi l-frott tat-taħbit tagħha ma' tul aktar minn 30 sena ta' taqbid qaddis, għalkemm dan ma jfisserx li r-rebħa hi tagħna għal kollox u li t-triq hija watja. Żgur ħadd ma jmerini meta ngħid li, jekk aħna, u magħna Malta kollha, qegħdin issa ngawdu fit-trijonf ta' l-Ilsien Malti dan ir-rebħ nafuh ħafna għall-ħidma bla waqfien, għat-tmexxija għaqlija u għax-xejra korretta li ta lill-Għaqda l-ewwel President tagħna, il-mibki imma wisq maħbub Kav. Ġużè Muscat Azzopardi u l-għajnuna li wliedu qed jagħtuna. L-Għaqda ma tista' qatt tħalli dal-fatt jintesa u għalhekk ġà bdiet taħseb sabiex fl-1953, f'egħluq il-mitt sena mit-twelid ta' Ġużè Muscat Azzopardi jitwaqqaflu bust f'post pubbliku, u f'Ħal Qormi, fejn hu ra d-dawl tal-ħajja, tissemma triq għalih. Dan ser ikun wieħed mid-dmirijiet tal-Kunsill il-ġdid.

Ħadd ma għandu jaħseb li dan il-Kunsill, li issa għalaq żmienu, wassal fit-tmiem kull kwistjoni li kellu ma' wiċċu jew kull biċċa xogħol li beda jew xtaq jagħmel; hemm għadd ta' problemi li tagħhom għadna ma sibniex tarf — u minn dawn dejjem jinqalgħu l-ġodda — ħidmiet li ma ntemmux, pjanijiet li għadhom ma twettqux għal kollox jew li għadhom qegħdin ikunu mistħarrġa; imma dan hu minn ewl id-dinja u bħal ta' qabilna aħna ser inħallu warajna wirt imħallat. Biss aħna ninsabu henjin għax nafu li lkoll flimkien ħdimna b'ħilitna kollha għall-ġid tal-Għaqda u għat-twettiq tal-ħsieb ewlieni tagħha — ir-rebħa tal-Lsien Malti fil-Gżejjer tagħna.

---



# IMĦABBA U LWIEN

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Kif qalb tirtogħod fil-ħmura ta' fl-għaxija,
tistenna l-ħin sabiħ;
e.f tfajla ttir bil-ferħ, u f'ħolm l-imħabba
tiżżejjen u tisbieħ.

Mirja mdawlin jaraw l-uċuħ bajdana
joqogħdu għat-tlewwin
minn swaba' rotob, bi trab fin u krejjem
u fwejjaħ mgħobbijin.

Imbagħad ma tistagħġibx fejn setgħet marret
ħmuret inżul ix-xemx
xhin tilmaħ dawk l-uċuħ u x-xufftejn ħomor
li bħalhom taf li mhemmx.

B'idejhom ħfief imewġu x-xagħar li joqgħod
f'kull għamla li jriduh:
u l-mera tidħak xhin tar'hom hekk boloħ,
b'xagħarhom ukoll miżbugħ.

Sa l-leħen irattbuh u jtuh il-ħlewwa:
jitħarrġu fit-tbissim,
fi kliem magħżul li jrid jisraqlek qalbek,
fil-ħars u fit-tislim.

Imbagħad meta tar'hom, donnok tgħid bħalhom
li kollha saru sbieħ;
u tinsa, dak il-ħin, li, barra qalbhom
kollox itir mar-riħ.

* * *

Issa ħerġin... Ħerġin mid-djar imfewħa,
ħerġin kollha mżejnin,
ħerġin b'mijiet ta' lwien, imgħaġġla, mxennqa,
ħerġin... ħerġin... ħerġin...

Bħall-friefet imsaħħrin li fir-rebbiegħa
jittajru fuq il-ward,
hekk it-tfajliet, imġenna, jduru, jduru
u jħeġġu l-wiċċ ta' l-art.

* * *

Żagħżugħ li tħobb, tħallix din il-ħuġġiega
ta' lwien tikbes ġo fik.
Għada jintfew l-ilwien... u tkun biss tħammar
il-qalb li tħoss għalik.